MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 291/1998/1

**IMPROVED DESIGN LIMITED**

**vs**

**Dr. Michael GIALANZE'**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Frar, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi qegħda titlob li l-imħarrek iħallasha Lm 5832.13, rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet imwettqin minnha fuq talba u għall-ġid tiegħu f'ħanut f'lukanda ġewwa San Ġiljan;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-5 ta' Mejju, 1999, li biha ċaħad it-talba attriċi għaliex qiegħed jgħid li x-xogħol ma sarx sewwa, ma sarx kif miftiehem, sar xogħol li lanqas biss kien talab, u, fuq kollox, billi l-prezzijiet mitluba huma eżaġerati;

Rat li, flimkien mal-imsemmija Nota tal-Eċċezzjonijiet, l-imħarrek ressaq Kontro-Talba, li fiha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-kumpannija attriċi rikonvenuta tinstab ħatja li naqset li twettaq l-appalt lilha mogħti fiż-żmien miftiehem, u li naqset ukoll għaliex ma tatx xogħol tajjeb; tinstab ħatja li, minħabba n-nuqqasijiet tagħha, hu ġarrab danni; din il-Qorti tillikwida d-danni li hu ġarrab; u tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta tħallsu d-danni hekk likwidati;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fis-17 ta' Mejju, 1999, li biha laqgħet għall-kontro-talba billi qalet li l-imħarrek naqas li jressaq il-pretensjonijiet rikonvenzjonali tiegħu fi żmien sentejn. Ressqet eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Ġunju, 1999[1], li biha ordnat li l-ewwel jinstemgħu l-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija attriċi għall-kontro-talba;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Ottubru, 1999, li bih il-Qorti ħatret lill-Perit Arkitett David Paċe bħala espert tekniku, bi spejjeż provviżorji tal-kumpannija attriċi, liema ħatra ġiet imwaqqfa b'degriet ieħor tas-7 ta' April, 2000;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-istess eċċezzjoni;

Rat l-att kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-5 ta' Mejju, 2004, tas-7 ta' Ottubru, 2004, tat-13 ta' Jannar, 2005, u tas-27 ta' April, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni rikonvenzjonali;

[1] Paġ. 24 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kontro-talba f’dan il-każ hija azzjoni ta’ danni minħabba nuqqas ta’ twettiq ta’ rabta kuntrattwali. L-imħarrek irid li l-Qorti ssib li l-kumpannija attriċi, li lilha kien taha twettaq xi xogħol b’appalt, ħatja li naqset li twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha lejh, u għalhekk li taħti tal-ħsara li ġarrab minħabba n-nuqqas tagħha u biex tagħmel tajjeb għal dik il-ħsara;

Illi l-kumpannija attriċi rikonvenzjonata tgħid li, f’azzjoni bħal din, l-imħarrek messu mexxa fi żmien sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi fid-dawl tal-eċċezzjoni mogħtija, jidher li huwa meħtieġ li, qabel kull ħaġa oħra, tiġi mistħarrġa l-eċċezzjoni taħt eżami fid-dawl tal-azzjoni li hija maħsuba li twaqqaf. Dan jingħad għaliex iż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b’riferenza għall-azzjoni kif imfassla[2]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imħarrek isejjes il-kontro-talba tiegħu fuq il-bażi tas-servizzi mogħtija. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi (f’dan il-każ, rikonvenzjonanti), u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x’taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx japplika għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Għaliex, f’każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ma jkunx applikabbli, ma jkun jiswa xejn li l-Qorti tistħarreġ il-provi;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-fatt li l-Qorti tqis l-eċċezzjoni fid-dawl tal-azzjoni li hija tkun qegħda tipprova

---

[2] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Testaferrata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm. **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe*** (Mhix pubblikata)

twaqqaf ma jfisser bl-ebda mod li l-Qorti tkun qegħda tagħti ġudizzju fuq is-siwi tal-azzjoni fil-mertu. Dan ikun xorta waħda xogħol il-parti attriċi (jew rikonvenzjonanti) biex twettaq;

Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa *culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin[3]. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena[4], u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta'obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nfisha[5];

Illi l-fattur li jsejjes il-ħtija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'għamilha, ma tikkawżax ħsara jew dannu lil ħaddieħor taħt il-prinċipju tan-*neminem laedere*. Min-naħa l-oħra, il-ħtija mnissla mir-rabta kuntrattwali tissejjes fuq l-obbligazzjoni li l-parti fil-kuntratt għandha d-dmir li twettaq dak li għalih intrabtet mal-parti kontraenti l-oħra. Fil-fatt, jista' jagħti l-każ li għalkemm fatt wieħed jista' jagħti lok kemm għal azzjoni ta' danni akwiljani, u kif ukoll (jekk ikun il-każ) għad-danni kuntrattwali, il-qies ta' liema żmien preskrittiv għandu japplika jittieħed mill-bażi rejali ta' t-talba attriċi[6];

Illi huwa magħruf ukoll li mhux kull ħsara li tiġġarrab waqt jew minħabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal għall-

---

[3] Ara, per eżempju, App. **27.4.1953**, fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef nomine vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.140**)
[4] App. Ċiv. **11.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Cassar Torreggiani*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.806**)
[5] P.A. **22.6.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Fava vs Bonniċi*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.581**)
[6] P.A. **18.8.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri pro et noe vs Castle*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.1027**)

ħtija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jagħti lok xorta waħda għal ħtija akwiljana, minkejja li jkun seħħ waqt u bis-saħħa ta' rabta kuntrattwali. Għalhekk, biex ħsara mġarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali, jeħtieġ jintwera li tali ħsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali eżistenti bejn il-partijiet[7];

Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha[8];

Illi fil-każ ta' azzjoni ta' danni mibnija fuq allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali, iż-żmien preskrittiv applikabbli m'huwiex dak maħsub fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili[9];

Illi mill-provi mressqa[10], joħroġ li ż-żmien li l-kumpannija attriċi kienet għaddejja bix-xogħol fil-ħanut tal-imħarrek kien bejn Frar u April tal-1997. Il-kawża nfetħet fi Frar tal-1998. It-talba rikonvenzjonali tressqet f'Mejju tal-1999. Għalkemm sa dak il-waqt kien għadda ż-żmien maħsub fl-artikolu 2153, jirriżulta li l-imsemmi artikolu ma japplikax għall-għamla ta' azzjoni mressqa fil-kontro-talba, għal liema azzjoni japplika żmien ieħor preskrittiv;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija attriċi għall-kontro-talba, billi ż-żmien preskrittiv imsemmi f'dik l-eċċezzjoni ma japplikax għat-talba rikonvenzjonali mressqa;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi fil-mertu kemm dwar l-azzjoni attriċi u kif ukoll dwar il-kontro-talba; u

---

[7] App.Kumm. **19.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.292**)
[8] Ara P.A. **9.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Stivala vs Colombo*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.622**)
[9] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Manicolo vs Ħili*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.393, a fol. 403-5**)
[10] Xhieda ta' Felix Mifsud 16.6.2000, f'paġġ. 70-1 tal-proċess

**Tikkundanna** lill-kumpannija attriċi tħallas l-ispejjeż marbuta ma’ din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------